# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024**

**Numru**

**Rikors Numru 684/2024TA**

**Maltarama Limited (C13091)**
**vs**
**Meeting Point Malta Limited (C41046)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Maltarama Limited (ir-rikorrent) tas-17 ta' Ġunju 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta rikkorenti topera fis-settur turistiku billi torganizza 'tours' u tipprovdi servizzi relatati fosthom lil operaturi turistici;

2. Illi s-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited hija operatur turistiku u ilha ghal-diversi snin klijenta tas-socjeta rikkorenti;

3. Illi fil-perjodu bejn Frar u Gunju 2024, is-socjeta rikorrenti pprovdit 'tours' lis-socjeta intimata, liema servizzi gew fatturati b'mod regolari;

4. Illi skond ftehim bejn is-socjeta rikkorenti u s-socjeta intimata l-fatturi tas-socjeta rikkorenti ghandhom jithallsu fi zmien sittin (60) jum mill-fattura.

5. Illi ghalhekk prezentement ir-rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta intimata fis-somma ta' €112,405.13 (mija u tnax il-elf, erba' mija u hames ewro u tlettax il-centezmu) (ara ir-rendikont anness u mmarkat bhala 'Dok A' u il-fatturi annessi u mmarkati bhala 'Dok B1 sa B8') rapprezentanti hlas dovut ghal prezz ta' 'tours' ghal perjodu bejn Frar u April 2024 li minnhom ghandha tinqata s-somma ta' €25,769.83 (hamsa u ghoxrin elf u seba mija u disgha u sittin ewro u tlieta u tmenin centezmu) imhallsa akkont mis-socjeta intimata biex b'hekk il-bilanc dovut lis-socjeta rikkorenti huwa ta' €86,635.30 (sitta u tmenin elf, sitt mija u hamsa u tletin ewro u tletin il-centezmu);

6. Illi minkejja li s-socjeta rikkorenti nterpellat diversi drabi lis-socjeta intimata sabiex thallas il-bilanc hekk dovut, hija baqghet inadempjenti;

7. Illi l-imsemmi ammont ta' €86,635.30 huwa dejn cert, likwidu u dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti u ghalhekk fil-fehma umli tal-esponenti jikkonkorru l-elementi preskritti fl-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess esponenti, is-socjeta intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

8. Illi l-fatti indikati fil-paragrafi suriferiti ta' dan ir-rikors huma maghrufin lir-rapprezentant tal-esponenti in kwantu jaf bihom bhala direttur tas-socjeta rikorrenti.

**It-Talbiet**

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul it-trattazzjoni tal-kawza:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li s-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' €86,635.30 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' 'tours' forniti lill-istess socjeta intimata;

3. Konsegwentament tordna lis-socjeta intimata Meeting Point Malta Limited thallas lis-socjeta rikkorenti is-somma ta' €86,635.30 bl-imghaxijiet legali minn gheluq sittin (60) il-gurnata mid-data rispettiva ta' kull fattura annessa u mmarkata bhala 'Dok B1 sa B8'.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet fuq premessi li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta intimata li

tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta rikkorenti kontra s-socjeta intimata ghal-hlas ta' kull somma ohra li ssir dovuta.

Rat il-premessi u t-talbiet tal-istess rikors.

Rat li s-soċjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta t-talbiet.

**Deċide**

Għaldaqstant il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** u allura qed tisma' l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ.

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li s-soċjeta' intimata Meeting Point Malta Limited debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u tmenin elf, sitt mija, ħamsa u tletin ewro u tletin ċenteżmu (€ 86,635.30).

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont fuq imsemmi bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mit-23 ta' April 2024 sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għas-soċjeta' intimata.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**